MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. DEMICOLI AUDREY

Seduta ta' 08 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1193/2002/1

**Avviz Numru 1193/02 AJD**

**Mirage Holdings Limited**

**vs**

**Dominic Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Mejju, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mija u hmistax il-lira Maltin (Lm115.00) rappresentanti in kwantu ghal Lm105.00 import ta' erba' kambjali (Dok. 1 sa 4) u inkwantu ghal Lm10.00 bhala imghaxijiet legali dovuti sad-data tal-prezentata tal-Avviz fuq l-istess ammont.
Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tal-Avviz sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa’ ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. John Buttigieg in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ mija u hmistax il-lira Maltin (Lm115.00), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**